**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Kumpilazzjoni Numru 517/2019**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Ransley]**
**vs**
**Ezekiel-Gorg Mintoff**

**Illum, 13 ta' Novembru, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

> **"Ezekiel-Gorg Mintoff**, detentur ta' Karta ta' l-identita Nru 0282494(M):
>
> Nakkuzah talli, nhar il-11 ta' Gunju 2018 f'xi hin bejn is-02:00 ta filghodu w s-07:00 ta filghodu minn gewwa l-istabiliment Angels Club, Triq Santa Rita, San Giljan:

1. ikkometta serq ta’ mobile phone ta’ ghamla Samsung S8, ta’ flus kontanti (300 Euro) u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta’ Vladimir Stojanovic u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin, liema ammont ma jeccedix is-somma ta’ elfejn tliet mija u disgha u ghaxrin euro u sebgha u tlettin centezmu (2,329.37);

Nakkuzah ukoll talli, fix-xahar ta’ Awwissu 2018 u/jew fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-gzejjer:

2. Xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe’ mobile phone ta’ ghamla Samsung S8, li l-valur tieghu ma jeccedix l-elfejn u tliett mija u disgha u ghoxrin Euro u tletin centezmu (€2,329.37), mehudin b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew, xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxih.”

Rat l-atti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali taht l-Artiklu 370 (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, a folio 11 tal-process, sabiex din il-kawza tinstema’ bi procedura sommarja.

Rat in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, a folio 17 tal-process.

Rat l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tat-tieni akkuza illi giet registrata fis-seduta tal-lum.

Rat illi fl-istess seduta tal-lum l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu rigward it-tieni akkuza.

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2019, il-Prosekuzzjoni rtirat l-ewwel akkuza, kif gie debitament registrat fil-verbal ta' l-istess seduta;

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tat-tieni akkuza u rega' ikkonferma l-ammissjoni tieghu hekk kif gie verbalizzat fl-istess seduta;

Illi konsegwentament fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat fir-rigward tat-tieni akkuza u fuq tali ammissjoni ssib l-imputat hati tat-tieni akkuza.

Illi l-imputat irrimborsa lill-vittma is-somma ta' sitt mitt Ewro (€600) bhala hlas tal-mobile li gie misruq u dan kif jirrizulta mill-ircevuta rilaxxjata mill-vitta esebita a folio 21 tal-process.

**DECIDE**

Illi fir-rigward tal-piena, l-Qorti wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet u qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u rat li l-imputat hallas lill-vittma, u li l-imputat ghandu fedina penali netta, u wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qeghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien disa' xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hu ma jonorax l-obbligi tieghu taht l-istess.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur